Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 200/2015

Fl-atti tal-ittra numru 1405/2015 prezentata fit-12 ta' Gunju 2015 fl-ismijiet:-

**Carmelo sive Charlie Sammut**

**Vs**

**Paul Borg u Alexandra Borg**

Il-Gimgha, 3 ta' Gunju, 2016.

L-appellanti Borg appellaw minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Novembru 2015 li biha gie michud rikors li pprezentaw fis-6 ta' Lulju 2015 fejn talbu lill-qorti sabiex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali li kienu mehmuza mal-ittra ufficjali prezentata fit-12 ta' Gunju 2015, u dan skond l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12. Fir-rikors promotur l-appellanti argumentaw li l-kambjali kienu saru b'rizultat ta' ngann li wettaq l-appellat. Fid-decizjoni l-ewwel qorti qalet:

*"Jirrizulta illi r-rikorrenti naqsu milli jidhru kif ukoll naqsu milli jressqu provi taghhom, u dan ghalkemm kienu jafu bid-data tas-smiegh tal-proceduri odjerni u ghalkemm il-qorti kkoncediet data ohra ghall-provi taghhom.*

*Tosserva illi ma huwiex accettabbli illi tali procedura straordinarja tigi mtawwla inutilment peress illi ghandhom jitqiesu bhala azzjonijiet urgenti u sommarji u ghalhekk ghandhom jitmexxew bi speditezza mill-Qrati.*

*Tosserva illi ma ghandha ebda raguni biex tiddubita il-verzjoni tal-fatti kif indikat mill-intimat, kemm fir-risposta tieghu kif ukoll fix-xhieda tieghu."*

Ghaldaqstant, laqghet l-eccezzjonijiet tal-intima u cahdet it-talba tar-rikorrenti.

L-aggravji tal-appellanti huma li:

1. L-azzjoni hi preskritta skond il-ligi.
2. Il-kambjali nkisbu b'qerq u ngann.

L-appellat wiegeb:

1. Il-provvediment li nghata mill-ewwel qorti m'huwiex appellabbli. Ghalhekk l-appell hu null.
2. F'kull kaz jekk hemm dritt ta' appell, dan kellu jsir fi zmien sitt ijiem (Artikolu 281 tal-Kap. 12). Peress li d-digriet inghata fis-26 ta' Novembru 2015 u l-appell gie pprezentat fis-16 ta' Dicembru 2015, l-appell hu tardiv.

3. L-allegazzjonijiet tal-appellanti huma frivoli u vessatorji.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:

1. Bir-rikors promotur li l-appellanti pprezentaw quddiem l-ewwel qorti, talbu: "

   *"Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi fl-isfond tas-suespost din l-Onor Qorti joghgobha tissospendi l-ezekuzzjoni tal-istess kambjali Dok. A u B annessi mal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi u dan ghab-bazi tal-Art. 253(e) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta)."*

2. L-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 jipprovdi li kambjala hi titolu ezekuttiv, b'dan li:

   *"B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', **b'digriet li ma jkunx appellabbli**, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi,…."*

   F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet:

   *"Il-proviso tal-Artikolu 253(e) huwa mezz kif debitur ta' obbligazzjoni fuq kambjala jkun jista' jissospendi l-esegwibilita` tal-istess kambjala, izda mhux mezz kif jigi attakkat "is-siwi tal-kambjala innifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stharrig jidher li jmissu jsir f'kawza li titressaq specifikatament ghal dan il-ghan" – ara Gaffarena Holdings Ltd. v. Seaborg Co. Ltd. deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar, 2008."* (**Edward Pavia vs Austin Camilleri**, 27 ta' Gunju 2014)

3. Id-digriet li cahad it-talba tal-appellanti ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv, hu appellabbli. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet:

   *"Il-liġi tgħid espressament illi ma jkunx appellabbli d-dikriet li jissospendi l-eżekuzzjoni; **a contrario sensu, id-dikriet li jiċħad it-talba għas-sospensjoni huwa appellabbli**. U dan jagħmel ħafna sens. Il-proċedura taħt il-proviso għall-art. 253(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma hijiex maħsuba biex tingħata deċiżjoni finali fuq il-validita tat-titolu, iżda biss biex, jekk tirnexxi, tissospendi l-eżekuzzjoni tiegħu."* (**Ian Pecorella vs Sovereign Caterers Ltd et** tat-3 ta' Frar 2012).

   Addottat dan l-insenjament, l-ewwel eccezzjoni tal-appellat hi nfondata.

4. Il-qorti ma taqbilx mal-appellanti li l-appell kellu jsir f'terminu ta' sitt ijiem skond ma jipprovdi l-Artikolu 281 tal-Kap. 12. Il-procedura kontemplata fl-Artikolu 253(3) tal-Kap. 12 m'ghandha x'taqsam xejn mal-procedura kontemplata fl-Artikolu 281 tal-Kap. 12 li biha jintalab ir-revoka ta' att

ezekuttiv. Kambjala hi titolu ezekuttiv u mhux att ezekuttiv. Ghalhekk din l-eccezzjoni hi wkoll bla bazi.

5. Ghal kumplament ir-rikors tal-appell hu ghal kollox fieragh, in kwantu:

   i. Il-kambjali mmaturaw matul is-sena 2015. Ghalhekk zgur li m'hemmx bazi li wiehed jinvoka xi preskrizzjoni. Punt li lanqas biss issemma quddiem l-ewwel qorti.
   ii. L-allegazzjoni tal-qerq u ngann baqghet semplici allegazzjoni fuq il-karta. L-appellanti lanqas biss ma ndenjaw ruhhom jattendu ghas-seduti biex jikkonvincu lill-qorti li *prima facie* ghandhom raguni valida biex jopponu l-ezekuzzjoni. Fic-cirkostanzi u wara li semghet lill-appellat jixhed, l-ewwel qorti kienet altru milli gustifikata li tichad it-talba tal-appellanti.

**Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-appellat, tichad l-appell. Peress li tqies li l-appell kien fieragh, tikkundanna lill-appellanti jhallsu lill-parti l-ohra l-ispejjez tal-appell ghal darbtejn (Artikolu 223 tal-Kap. 12)**.

Anthony Ellul.